

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent”**

(COM(2018) 673 final)

(2019/C 240/09)

Relatur: **Mindaugas MACIULEVIČIUS**

Korelatur: **Udo HEMMERLING**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 14.12.2018
Bażi legali	L-Artikoli 29(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċizzjoni tal-Bureau	16.10.2018
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, Żvilupp Rurali u Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	25.4.2019
Adottata fil-plenarja	15.5.2019
Sessjoni plenarja Nru	543
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	203/1/4

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Jeżisti **sens ta' urġenza globali**: l-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima u t-tkabbir tal-popolazzjoni madwar id-dinja kollha qed jitolbuna li, bħala kwistjoni ta' urġenza, insibu sostituti għall-fjuwils fossili u nużaw il-bijorizzorsi b'mod aktar effiċjenti. L-agrikoltura u s-settur ibbażat fuq il-foresti huma produtturi ewlenin tal-bijomassa għal użi oħra għajr l-ikel jew l-għalf u bħala tali huma kontributturi importanti għall-bijoeconomija. Ktajjen tal-valur ġodda joffru opportunitajiet addizzjonali għall-attivitajiet fl-ekonomija rurali biex issir bidla minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili għal ekonomija b'bażi bijoloġika.

1.2. F'dan l-isfond, **għarfien aħjar tal-konsum tagħna** tal-bijorizzorsi jrid jingħata prijorità f'konformità mal-oġġettivi klimatiċi tal-Ftehim ta' Pariġi. Lil hinn mill-kisba ta' fehim aħjar, jeħtieġ li l-attivitajiet tal-bijoeconomija **jinvolve lill-konsumaturi** permezz ta' pariri u informazzjoni regolari, sabiex jiġu ffaċilitati l-bidliet meħtieġa u titwitta t-triq għall-introduzzjoni ta' miżuri ta' ħolqien tas-suq biex tingħata spinta akbar lill-fiduċja tal-konsumaturi u l-użu ta' bijoprodotti li huma magħmula fl-UE min-naħa tax-xerrejja pubbliċi.

1.3. Jeżistu **opportunitajiet** għall-bijodiversità, l-industrija, l-iżvilupp ekonomiku u l-impjiegi. Il-KESE jilqa' l-aġġornament tal-Istrateġija tal-2012 dwar il-Bijoeconomija li huwa pass importanti fid-direzzjoni t-tajba. Hemm domanda globali għal bijoprodotti sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi. Madankollu, minkejja l-progress sinifikanti li sar fil-verżjoni l-ġdida, xi wħud mill-miżuri inklużi għad iridu jiġu implimentati:

1.3.1. Minbarra l-aċċess għal strumenti finanzjarji, huwa essenzjali li jiġu **stabbiliti servizzi ta' konsulenza jew ta' pariri individuali u flessibbli** sabiex l-SMEs agroalimentari jkunu megħjuna fit-tnejdja ta' proġetti fit-tul u innovattivi. Ta' spiss dawn ma jkollhomx il-kompetenza jew l-għarfien interni meħtieġa għal bosta raġunijiet, inklużi riżorsi umani, finanzjarji u tal-infrastruttura.

1.3.2. **Il-kooperazzjoni pubblika-privata** għandha tagħti attenzjoni xierqa lill-produtturi primarji. Dan il-mudell jista' jiġi appoġġjat b'firxa ta' miżuri u strumenti skont il-**Politika Agrikola Komuni (PAK)**.

1.3.3. Il-fatt li l-attivitajiet **tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tal-bijoeconomija** jiġu inkorporati fi strateġija fit-tul se jiffaċilita l-appoġġ **għall-iżvilupp u għar-replikazzjoni**.

1.3.4. It-tkomplija **tal-edukazzjoni u t-taħriġ** tal-ħaddiema u tal-produtturi primarji hija kruċjali. Huwa importanti li jiġi ffaċilitat l-**iskambju tal-għarfien**, jingħata appoġġ lin-netwerks transnazzjonali u jinżamm il-pass mat-tibdil fis-soċjetà u fit-teknoloġija. Approċċi edukattivi, ta' involviment u ta' komunikazzjoni li jinvolve lill-partijiet ikkonċernati fil-bijoeconomija rurali huma kruċjali.

1.3.5. Huwa essenzjali li jiġu promossi l-**ekonomija ċirkolari u r-rabtiet intersettorjali u territorjali** fl-UE u lil hinn minnha, b'mod partikolari biex jiġu onorati l-impenji skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-oġġettivi tas-COP21.

1.3.6. L-Istati Membri kollha għandhom **jintegraw strateġija komprensiva dwar il-bijekonomija** fil-politiki u fil-programmi tagħhom u jinvolvu lill-awtoritajiet lokali kompetenti u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti (il-produtturi primarji, il-fornituri tar-riċerka u l-edukazzjoni, l-industrija, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali, eċċ.).

1.3.7. L-UE għandha tagħmel kull sforz għal **sistema globali tal-prezzijiet għall-emissjonijiet tal-karbonju**, li jkun mod newtrali u effettiv ta' kif tiġi promossa l-bijekonomija u kif l-atturi kollha tas-suq jistgħu jinġiebu flimkien biex jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima.

1.4. Ir-rispett tal-prinċipji tas-sostenibbiltà huwa essenzjali għal bijekonomija "għdida", u għandhom jiġu kkonservati r-riżorsi naturali sabiex jinżammu produttivi. F'dan ir-rigward, il-Bijekonomija għandha ssewwi kriterji ta' sostenibbiltà. Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet għall-iżvantaġġ tal-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà, l-istess regoli għandhom japplikaw għall-bijomassa mill-Unjoni Ewropea u minn barra l-pajjiż.

## 2. Kummenti ġenerali

Il-bijekonomija tħaddan il-produzzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli u l-konverżjoni tagħhom f'ikel, għalf, bijoprodotti u bijoen-erġija. Din tinkludi l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-ikel, il-produzzjoni tal-polpa u l-karta, kif ukoll partijiet tal-industriji kimiċi, bijoteknoloġiċi u tal-enerġija.

2.1. L-Istrateġija tal-UE tal-2012 dwar il-Bijekonomija kellha l-għan "[...] li twitti t-triq għal soċjetà aktar innovattiva, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva li tirrikonċilja s-sigurtà tal-ikel mal-użu sostenibbli ta' riżorsi rinnovabbli għal skopijiet industrijali, fil-waqt li jkun żgurat il-ħarsien ambjentali". Fl-2017, il-Kummissjoni wettqet reviżjoni tal-Istrateġija tal-UE tal-2012 tagħha dwar il-Bijekonomija, li kkonkludiet li l-Istrateġija wriet ir-rilevanza tal-għanijiet tagħha u li l-importanza tal-opportunitajiet offruti mill-bijekonomija qed tiġi dejjem aktar rikonoxxuta fl-Ewropa u lil hinn minnha. F'Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta' azzjoni biex tiġi żviluppata bijekonomija sostenibbli u ċirkolari "sabiex jittejjeb u jiżdied l-użu sostenibbli tar-riżorsi rinnovabbli bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi globali u lokali bħat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli" <sup>(1)</sup>.

2.2. Il-popolazzjoni globali hija mistennija li tikber għal kważi 10 biljun persuna sal-2050 <sup>(2)</sup> u huwa urġenti li r-riżorsi bijoloġiċi jintużaw b'mod aktar effiċjenti, biex b'hekk ikun hemm ikel san, nutrittiv, ta' kwalità għolja u affordabbli għal aktar nies b'inqas impatt ambjentali u klimatiku għal kull unità prodotta, u materjal bijoloġiku rinnovabbli suffiċjenti biex tjiġi prodotta parti sostanzjali minn dak li bħalissa qed jiġi uttilizzat miż-żejt fossili mhux maħdum, flimkien ma' enerġija mir-riħ u x-xemx u enerġiji rinnovabbli oħra. Iffukar mill-għdid tal-azzjonijiet u aġġornament tal-istrateġija dwar il-bijekonomija kienu għalhekk meħtieġa fid-dawl tal-iżviluppi ta' politika reċenti, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) <sup>(3)</sup> u l-Konvenzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima tan-Nazzjonijiet Uniti (l-impenji tas-COP21).

2.3. Il-Kummissjoni tiddikjara, permezz tal-Istrateġija dwar il-Bijekonomija Aġġornata <sup>(4)</sup>, li se tnedi 14-il miżura fl-2019, inkluż:

- l-istabbiliment ta' Pjattaforma Tematika ta' Investiment fil-Bijekonomija ta' EUR 100 miljun sabiex l-innovazzjonijiet b'bażi bijoloġika jinġiebu eqreb tas-suq u l-investimenti privati f'soluzzjonijiet sostenibbli jsiru inqas riskjużi; l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' bijoraffineriji ġodda sostenibbli madwar l-Ewropa;
- l-iżvilupp ta' aġenda strateġika dwar l-użu għas-sistemi tal-ikel u tal-biedja sostenibbli u għall-prodotti tal-forestrija u l-bijoprodotti;
- l-istabbiliment ta' Faċilità għall-Appoġġ tal-Politika tal-UE dwar il-Bijekonomija għall-pajjiżi tal-UE taħt Orizzont 2020 biex jiġu żviluppati aġendi nazzjonali u reġjonali dwar il-bijekonomija;
- it-tnedija ta' azzjonijiet pilota għall-iżvilupp tal-bijekonomiji f'żoni rurali, kostali u urbani, pereżempju fir-rigward tal-immaniġġar tal-iskart jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrkola;
- l-implimentazzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ mifruxa madwar l-UE kollha sabiex jiġi intraċċat il-progress lejn bijekonomija sostenibbli u ċirkolari;

<sup>(1)</sup> [https://ec.europa.eu/research/bioeconomy/pdf/ec\\_bioeconomy\\_strategy\\_2018.pdf](https://ec.europa.eu/research/bioeconomy/pdf/ec_bioeconomy_strategy_2018.pdf)

<sup>(2)</sup> <https://www.un.org/development/desa/en/news/population/world-population-prospects-2017.html>

<sup>(3)</sup> <https://sustainabledevelopment.un.org/?menu=1300>

<sup>(4)</sup> <https://ec.europa.eu/research/bioeconomy/index.cfm?pg=policy&lib=strategy>

- it-titjib tal-bażi tal-għarfien u tal-fehim tagħna fir-rigward tal-oqsma speċifiċi tal-bijoeconomija bil-ġbir ta' data u billi jiġi żgurat li jingħata aċċess aħjar għaliha permezz ta' Ċentru tal-Għarfien għall-Bijoeconomija;
- l-għoti ta' gwida u l-promozzjoni ta' prattiki tajba dwar kif wieħed għandu jopera fil-bijoeconomija fi ħdan il-limiti ekoloġiċi sikuri.

2.4. Il-bijoeconomija tista' tipprovdi għażliet li jistgħu jnaqqsu kemm l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> kif ukoll id-dipendenza fuq ir-riżorsi fossili importati. Pereżempju, il-foresti tal-UE jissekwestraw ammont ta' karbonju li jikkorrispondi għal 10 % tal-emissjonijiet annwali tal-UE, filwaqt li jipprovdu provvista kostanti u sostenibbli ta' bijomassa għall-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, l-istimi juru li 100000 sustanza kimika li qed jiġu prodotti bħalissa jistgħu, fit-teorija, jiġu minn materja prima rinnovabbli. Dan ma jfissirx li dan għandu jsir għal kollha kemm huma, iżda huwa teoretikament possibbli. Dan ma joffrix biss il-possibbiltà li jiġu pprovduti oġġetti tad-dar ta' kuljum fuq livell lokali u b'mod rinnovabbli, iżda se jgħin ukoll biex joħloq impjiegi, b'mod partikolari fiż-żoni kostali u rurali, u tkabbir fl-Ewropa, fejn il-vantaġġ teknoloġiku għadu b'saħħtu. Skont l-istimi tal-industrija, jistgħu jinħolqu miljun impjieg għid sal-2030 fl-industrija b'bażi bijoloġika.

2.5. Madankollu, għad hemm ostakli kbar fit-triq lejn innovazzjoni akbar fil-bijoeconomija tal-UE. Ostakli importanti huwa relatat mal-kostkompetittività tal-prodotti, li t-tnejn huma mqabbli mal-alternattivi fossili u ma' prodotti ekwivalenti minn inħawi oħra fid-dinja. Il-kostkompetittività hija affettwata minn ħafna fatturi, inklużi l-livell ta' tħejija teknoloġika u l-kost lavorattiv, is-sussidji fuq il-karburanti fossili u l-amortizzament, kif ukoll il-livell baxx ta' appoġġ tas-suq għall-bijoprodotti. Din il-kwistjoni tal-kompetittività taggrava meta wieħed iqis id-diffikultajiet fl-aċċess ta' finanzi għal proġetti innovattivi u l-faċilitajiet ta' produzzjoni u, ħafna drabi, il-livell kontinwament baxx tal-għarfien min-naħa tal-utenti finali dwar il-bijoprodotti, kif ukoll in-nuqqas ta' ħliet u relazzjonijiet operazzjonali biex dan is-settur jimxi 'l quddiem. Barra minn hekk, il-proċeduri ta' permessi għal proġetti ġodda b'bażi bijoloġika qed isiru twal u diffiċli, filwaqt li qed iwasslu għal inċertezzi legali u riskji finanzjarji sinifikanti għall-atturi ekonomiċi.

### 3. Kummenti speċifiċi

Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni li taġġorna l-istrateġija tal-2012 dwar il-bijoeconomija. Hemm bżonn ta' politika fit-tul, konsistenti u effiċjenti biex tiġi promossa l-bijoeconomija. Madankollu, il-konnessjoni bejn din l-istrateġija globali dwar il-bijoeconomija u strumenti ta' politika eżistenti oħra għadha mhix awtomatika. Għalhekk, is-soluzzjoni għal politika effettiva dwar il-bijoeconomija għadha tidentifika sinerġiji bejn l-oqsma ta' politika b'mod li jitqiesu l-oġġettivi ta' produzzjoni vijabbli tal-ikel, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, l-iżvilupp territorjali bbilanċjat fiż-żoni rurali, u l-għajxien sigur u deċenti.

3.1. Filwaqt li l-aġġornament għandu l-għan li juża l-investimenti tal-UE u jagħmel enfasi sinifikanti fuq it-tiżi u t-tkabbir tas-setturi b'bażi bijoloġika, bl-iffaċilitar tal-investimenti u tas-swieq, għadha teżisti discrepanza (lil hinn mir-riċerka u l-iżvilupp) f'dak li għandu x'jaqsam mal-għoti ta' appoġġ lill-kumpaniji tal-bijoeconomija fir-rigward tal-ġbir ta' fondi, l-istrateġija "ġo-to-market", l-iżvilupp tal-organizzazzjoni u l-maturazzjoni tal-prodotti. L-investituri ta' tkabbir fi stadju bikri fuq livelli nazzjonali u reġjonali b'konsulenza ppersonalizzata għall-industrija ta' skala mikro u żgħira u negozji ġodda huma meħtieġa daqs il-mobilizzazzjoni tal-investimenti tal-UE għal proġetti kbar. Jinħtieġ approċċ ta' finanzjament komprensiv sabiex jiġu kummerċjalizzati prodotti ġodda.

3.2. L-aġġornament jenfasizza wkoll il-fatt li s-sinerġiji bejn is-settur pubbliku u privat jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minn sorsi differenti ta' investimenti. F'dan il-kuntest, l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika qed turi li hija kruċjali biex tappoġġja l-iżvilupp ta' infrastruttura industrijali Ewropea b'bażi bijoloġika u ktajjen ta' valur iċċentrat fuq l-użu ta' riżorsi rinnovabbli – inkluż l-iskart.

3.3. Madankollu, ma ssir biżżejjed enfasi fuq is-settur privat, u b'mod partikolari fuq il-produtturi primarji, jiġifieri l-bdiewa, is-sidien tal-foresti u l-kooperattivi tagħhom, li jaqdu rwol sinifikanti fl-iżvilupp ta' bijoeconomija sostenibbli; l-SMEs, li jagħmlu parti kbira mill-katina agroalimentari, iridu wkoll jingħataw attenzjoni xierqa. F'dan il-kuntest, il-PAK tista' ssir għodda interessanti biex tgħin lill-bdiewa, lis-sidien tal-foresti u lill-kooperattivi tagħhom jinvestu aktar fil-produtturi tagħhom u jagħmluha aktar sostenibbli.

3.4. F'dan l-isfond, il-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli tas-suq huwa kritiku u jimxi id fid mal-livell ta' fiduċja li l-konsumaturi għandhom fl-informazzjoni li jingħataw dwar il-prodotti li qed jikkunsidraw li jixtru. Hemm mertu f'li jiġu kkunsidrati l-istandards ta' informazzjoni, u l-ewwel pass importanti kien l-istabbiliment ta' standards ċari fl-UE kollha għal prodotti b'bażi bijoloġika sabiex jiproteġu aħjar il-kredibilità ta' standards maqbla mill-industrija, u fl-istess ħin jevitaw il-konfużjoni tal-konsumaturi u jagħtu fiduċja lill-kljenti industrijali u lix-xerrejja pubbliċi. Għad fadal ħafna xi jsir biex il-konsumaturi jiġu megħjuna jagħmlu għażla infurmata permezz ta' strateġiji ta' komunikazzjoni intelliġenti.

3.5. L-istrateġija ssaħħaħ ukoll l-idea ta' "espansjoni", iżda ma tinkludix il-kunċett ta' "replikazzjoni". Ir-riċerka hija disponibbli u l-istrateġija fit-tul dwar l-innovazzjoni u l-bijoeconomija jridu jimxu id f'id. Ir-riċerka bażika u applikata għandha tkun sinkronizzata tajjeb u tikkontribwixxi għal objettivi strateġiċi komuni. Għandha tingħata wkoll attenzjoni lill-iżvilupp, lill-aċċess u liż-żamma ta' infrastrutturi jew raggruppamenti ta' kwalità għolja fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Pereżempju, l-istabbiliment ta' ċentri ta' livell dinji għar-riċerka applikata fil-manifattura tal-bijoproċess fuq skala sħiħa u l-ħolqien ta' soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli, jistgħu jgħinu lill-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) biex jisfruttaw firxa sħiħa ta' għarfien. It-trasferiment tal-għarfien jiġi megħjun minn dimostrazzjonijiet u eżempji. Id-dimostrazzjonijiet għandhom jagħtu lill-SMEs stampa komprensiva tat-teknoloġiji disponibbli f'dak il-qasam partikolari tal-bijoeconomija.

3.6. Iż-żoni rurali għaddejnin minn perjodu ta' trasformazzjoni ekonomika, demografika u istituzzjonali profonda fl-UE. Għalhekk, għandha tingħata l-attenzjoni dovuta wkoll lejn l-infrastruttura u t-titjib loġistiku minn jtrawmu l-ktajjen ta' provvista tal-bijomassa eżistenti u ġodda, filwaqt li tiġi ottimizzata l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-ħolqien tal-impjiegi u l-valur miżjud fiż-żoni rurali.

3.7. Qatt ma tista' ssir enfasi żejda fuq ir-realtà li l-introduzzjoni ta' makkinarju teknoloġikament avvanzat fil-bijoeconomija tirrikjedli ħilet imtejba ta' tħaddim u manutenzjoni, inklużi ħilet ulterjuri fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), programmi ġodda ta' taħriġ dwar is-saħħa u s-sikurezza, kif ukoll fehim u attenzjoni aħjar fir-rigward tal-aspetti relatati mal-konservazzjoni tal-ambjent. L-iżgurar tal-iżvilupp kontinwu u l-adattament tal-ħiliet tal-individwi matul ħajjithom huwa ta' importanza kbira, bħalma huwa l-indirizzar tad-diskrepanzi fil-ħiliet f'dan is-settur tal-bijoeconomija emerġenti. Fl-istrateġija aġġornata ma ssemmewx l-iskambji bejn il-pari, l-attivitajiet konġunti tar-riċerkaturi, is-servizzi ta' appoġġ fil-qasam tal-innovazzjoni, il-bdiewa, il-forestiera, il-kooperattivi tagħhom u atturi privati oħra, iżda jkun kruċjali li jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-għarfien.

3.8. Aħna ma nistgħux nilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u nnaqqsu t-tibdil fil-klima <sup>(5)</sup> mingħajr ma ntejbu r-residwi, il-kurrenti laterali u l-iskart u nipromovu l-ekonomija ċirkolari. Il-kollaborazzjoni bejn is-setturi (is-sistemi tal-ikel, mhux tal-ikel u t-territorji rurali) u l-kontinenti hija essenzjali hawnhekk. Għandha tingħata aktar attenzjoni lir-rabtiet territorjali u lokali (urbani-rurali, rurali-rurali u art-baħar) u l-kontribut tagħhom għall-ktajjen ta' valur u raggruppamenti tal-bijoeconomika sostenibbli fiż-żoni rurali. L-iżvilupp ta' dawn ir-rabtiet fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant ikun essenzjali biex jgħinu lil dawn il-pajjiżi jiżviluppaw l-għanijiet strateġiċi ta' żvilupp tagħhom għal ipproċessar aħjar tal-bijomassa. Ir-reġjun tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant huwa rikk fil-bijomassa minħabba l-attivitajiet estensivi tiegħu fl-oqsma tal-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, b'kapaċità ta' bijomassa għolja iżda mhux użata jew li mhix uttilizzata biżżejjed mil-lat ta' ikel, għalf, materja prima industrijali, bijofjuwil u użu tal-enerġija. Barra minn hekk, l-istrateġija aġġornata ma saħqitx biżżejjed fuq l-idea li hija meħtieġa kooperazzjoni internazzjonali sabiex jinġabru l-għarfien espert u l-kapaċitajiet eżistenti bl-aktar mod effettiv u jissaħħu s-sinerġiji mal-Istati Membri u mal-programmi tar-riċerka mhux tal-UE. Is-sħubijiet internazzjonali huma partikolarment importanti għall-ittestjar u r-replikazzjoni tas-soluzzjonijiet.

3.9. Fl-aħħar nett, fl-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti skont il-Ftehim ta' Pariġi, għandu jsir użu sħiħ tal-mekkaniżmi tas-suq. Is-sistema ta' pprezzar globali għall-emissjonijiet tal-karbonju tkun mod newtrali u effettiv biex jinkiseb l-appoġġ tal-atturi kollha tas-suq. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora b'mod attiv rotot u stadji differenti kif ukoll tinvolvi ruħha ma' pajjiżi oħra sabiex jintlaħaq progress lejn ipprezzar globali għall-emissjonijiet tal-karbonju. Sistema globali tal-ipprezzar tal-karbonju effiċjenti u ġusta tas-sigura kundizzjonijiet ekwi għal negozji ta' esportazzjoni fis-swieq dinjija u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-investment u tal-impjiegi. Barra minn hekk, din telimina l-vantaġġ kompetittiv ta' prodotti importati li huma orħos minħabba anqas rekwiżiti marbuta mal-klima.

Brussell, il-15 ta' Mejju 2019.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Luca JAHIER

<sup>(5)</sup> ĠUC 440, 6.12.2018, p. 45.